**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

## GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,

## Seduta ta' nhar il-Gimgha, 30 ta' Marzu, 2001

**Numru 12**

**Avviz. numru 376/99JR**

**Emmanuele Agius f'ismu proprju u f'isem is-sidien tal-fond 16 St. Charles Street, Valletta, u b'degriet tal-14 ta' Lulju, 1999, l-isem ta' l-attur gie mibdul f'Emanuel Agius, Maria mart Martin Borg, Charles Agius, Emilia mart Anthony Sant, Spiridione, Raymond u Charles ahwa Pizzuto u l-istess Emanuel Agius bhala mandatarju ta' hutu msiefrin Michael, Joseph, George u John**

**vs**

**Salvatore u Doris konjugi Camoin**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-9 ta' Marzu, 1999, fejn intalab il-hlas ta' hmistax-il lira Maltija (Lm15.00) kera tal-parti t'isfel tal-fond 16 St. Charles Street, Valletta mill-1 ta' Frar, 1999 sat-30 ta' April, 1999, liema kera tithallas bil-quddiem;**

**Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra interpellatorja tal-11 ta' Frar, 1999, u l-konvenuti mharrkin in subizzjoni.**

**Ra r-risposta tal-konvenuti prezentata fid-29 ta' Settembru, 1999, fejn gie eccepit:**

i. **il linea preliminari l-karenza ta' interess tal-atturi Maria mart Martin Borg u ta' Emilia mart Anthony Sant fil-proceduri odjerni;**
ii. **Bla pregudizzju ghall-premess u fil-mertu, it-talba tal-atturi hija kontestata ghaliex il-konvenuti jikru l-intier tal-fond 16 St. Charles Street, Valletta, mhux parti minnhu, kif allegat fl-avviz tat-talba;**
iii. **Bla pregudizzju ghall-premess, ukoll fil-mertu, it-talba tal-atturi ghandha tkun respinta billi qabel giet intavolata din il-kawza, il-konvenuti hallsu lill-attrici Maria mart Martin Borg il-kera tal-fond de quo ghall-perijodu ta' bejn l-1 ta' Frar, 1999 u l-31 ta' Lulju, 1999 u ghall dan il-hlas l-istess Maria Borg harget ricevuta;**
iv. **Salvi eccezzjonijiet ohra.**

**Ra d-decizjoni preliminari moghtija fit-3 ta' Novembru, 2000.**

**Ra n-nota prezentata mill-atturi fis-27 ta' Marzu, 2001, li biha l-atturi stante pagament tas-sorte minn naha tal-konvenut fil-mori tal-kawza, ceda t-talba ghas-sorte, pero` zamm ferm il-kap ta' l-ispejjez.**

**Ra wkoll il-kapitolu prezentat fis-27 ta' Marzu, 2001, mill-atturi.**

**Ikkunsidra:**

1. **Dwar il-Kapitolu prezentat, ma jirrizultax mill-Att V ta' l-1995 illi tali procedura tista' tigi applikata quddiem it-Tribunal.**
2. **Dwar l-ispejjez jirrizulta minn nota prezentata li l-hlas tal-kera sar fil-mori tal-kawza.**

**Ghaldaqstant It-Tribunal filwaqt illi jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri dwar il-meritu, jikkundanna lill-konvenuti ihallsu l-ispejjez tal-prezenti proceduri, kif ukoll l-ispejjez tad-decizjoni preliminari tat-3 ta' Novembru, 2000.**

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**